# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-21 ta' Marzu, 2018**

**Rikors Numru 598/2013 SM**

**Joseph Curmi**
**(I.D. 140160 M)**

**vs.**

**Makaw Limited**
**(C – 8250)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-20 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi r-rikorrenti hu kreditur tas-socjeta` intimata fl-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf disa’ mija u erba’ euro u sitta u sebghin centezmu, (€21,904.76), ghal xoghol minnu lilha ezegwit, (ara foll 3);

1.2. Illi *nonostante* li giet interpellata biex thallas l-ammont minnha dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 5);

1.3. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.3.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimat hi debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta’ €21,904.76, bilanc minn somma akbar ghal xoghol maghmul mill-istess rikorrenti lis-socjeta` *de quo*;

1.3.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas l-ammont fuq indikat lir-rikorrenti;

1.3.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta’ Gunju, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 7);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-23 ta’ Lulju, 2013, li permezz taghha s-socjeta` intimata irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 13);

3.1. Illi r-rikors promotur hu null *stante* li ma jidhirx li kien mahluf *ai termini* tal-artiklu 156(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (minn issa ’l quddiem Kap 12);

3.2. Illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti mhux dovut *stante* li kien gia` mhallas mis-socjeta` intimata;

3.3. Illi l-ammont pretiz mir-rikorrenti hu eccessiv, u f’kull kaz ghandu jigi ippruvat;

3.4. Illi mill-bqija t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.6. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat it-22 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, appuntat espert tekniku ghall-ghanijiet hemm indikati, (ara foll 24);

5. Rat id-digriet taghha datat il-25 t'April, 2017, li permezz tieghu, wara talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jitrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 350);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluza d-dikjarazzjoni guramentata pprezentata *in atti*;

8. Ezaminat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-31 ta' Lulju, 2017, (ara foll 363), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata datata is-7 ta' Novembru, 2017, (ara foll 371), li ghalkemm tardiva qed tigi inkluza *in atti* in vista tal-*visto* fuqha rilevat, (ara ukoll foll 371);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat kreditur tas-socjeta` intimata fl-ammont ta' €21,904.76, bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol minnu maghmul lis-socjeta` *de quo*, (ara foll 3);

9.2. Illi konsegwentement, jitlob li s-socjeta` intimata tigi kkundannata thallas dan l-ammont lill-istess rikorrenti;

9.3. Illi fl-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` intimata tippostula posizzjoni kemm xejn kontradittorja billi tirritjeni s-segwenti:

9.3.1. Illi l-ammont pretiz mir-rikorrenti mhux dovut *stante* li hu gia` mhallas, (ara foll 13);

9.3.2. Illi fl-istess waqt issosstni ukoll li l-ammont pretiz hu wiehed eccessiv, (ara foll 13);

Ikkunsidrat:

10. Illi fl-ewwel (1) eccezzjoni tas-socjeta` intimati din teccepixxi n-nullita` tar-rikors guramentat promotur *stante* li dan ma kienx guramentat *ai termini* tal-artiklu 156 (3) tal-Kap 12;

11. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet ***Caxton Printshop Limited* vs. Valletta *Audio Vision Limited***, datata s-**26 ta' Lulju, 2013**, li irriteniet is-segwenti:

> "Hu principju stabbilit mill-qrati taghna li fejn possibbli l-atti jigu ssanati minhabba l-ekonomija tal-gudizzju u sabiex ma tigix imfixxkla l-gustizzja minhabba formalita` zejda, akta r u aktar meta t-talba tista' tigi dedotta u mifhuma meta titqies fl-interita` taghha;

12. Illi ghalhekk, ghalkemm jirrizulta li effettivament ir-rikors promotur ma kienx guramentat skont il-ligi, (ara foll 2), ghar-ragunijiet fuq esposti fis-sentenza hemm indikata din l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

13. Illi fit-tieni (2) eccezzjoni taghha s-socjeta` intimata teccepixxi li l-ammont bilancjali pretiz minnha mir-rikorrenti kien effettivament gia` imhallas;

14. Illi sussegwentement, fit-tielet (3) eccezzjoni taghha taghzel li teccepixxi ukoll li l-ammont pretiz mir-rikorrenti hu eccessiv u ghandu jigi ippruvat mir-rikorrenti skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi dawn iz-zewg (2) eccezzjonijiet jimmeritaw li jigu ezaminati flimkien;

15.1. Illi ghandu jkun pacifiku li mehudin flimkien, dawn iz-zewg (2) eccezzjonijiet huma kontradittorji ghal xulxin;

15.2. Illi ma thossx li hu dinjituz li tespandi aktar fir-rigward *stante* li jirrizulta palezi li dawn iz-zewg (2) eccezzjonijiet huma kontradittorji ghal xulxin – u qatt ma jistghu jikkostitwixxu difizi alternattivi ghal xulxin;

15.3. Illi f'dan il-kaz issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell, (Superjuri)**, fis-sentenza fl-ismijiet **Gabriel Parnis *et* vs. Joseph Cucciardi *et***, datata s-**16 t'April, 2004**, li irriteniet is-segwenti:

> "Illi ghalkemm hu minnu li fil-proceduri bil-miktub f'materja ta' eccezzjonijiet tezisti l-possibilita` li l-eccipjent jissoleva eccezzjonijiet alternattivi, kif ukoll li jaghmel dan "bla pregudizzju", b'dan kollu xorta wahda jibqa' dmir tal-parti eccipjenti li tara li f'dak li hi tkun qeghda tasserixxi bil-gurament *per via* ta' eccezzjoni ma jkunx hemm hwejjeg li huma manifestament konfliggjenti. Ghalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att tac-citazzjoni, kif ukoll l-eccezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'certa teknika u hila, dan ma jfissirx li parti f'kawza ghandha tithalla tbiddel impunement att procedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, aghar u aghar, fi stratagemma intiza biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-ohra. Fi kliem aktar semplici, kull parti ghandha d-dmir li tkun veritjera u lejali lejn il-

qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-gustizzja";

15.4. Illi stabbilit is-suespost, jigi dikjarat li ghall-fini ta' kompletezza ser isiru is-segwenti osservazzjonijiet:

15.4.1. Illi analisi dettaljata tal-procedura odjerna tirrikjedi ezami tar-relazzjoni tal-perit komputista espressament nominat minn din il-qorti biex jassisstiha;

15.4.2. Illi f'dan ir-rigward tirrileva li ma saritx talba ghall-hatra ta' periti addizjonali;

15.4.3. Illi jirrizulta ukoll minn ezami tal-istess li ma giet imressqa l-ebda prova li b'xi mod setghet ticcensura r-relazzjoni tal-imsemmi perit komputista;

15.4.4. Illi kif sottolineat mill-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza fl-ismijiet **Richard Falzon vs. *Construct Furniture Limited*** datata s-**7 ta' Dicembru, 2006**, u fis-sentenzi hemm estensivament citati, il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet teknici minnu hemm esposti, jikkostitwixxu prova ta' fatt li ghandhom jigu meqjusa bhala tali mill-qorti li tkun ghalhekk innominat lill-istess espert;

15.4.5. Illi *di piu`*, kif irriteniet il-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Grima vs. Carmelo Pace *et***, datata l-**14 t'April, 2016**:

"Il-qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mill-lat tekniku, (**Cauchi vs. Mercieca**, **Qorti tal-**

**Appell** deciza fis-**6 ta' April, 1999**, u **Saliba vs. Farrugia**, **Qorti tal-Appell** deciz fit-**28 Jannar, 2000**)";

15.4.6. Illi minn ezami tar-relazzjoni peritali in dizamina jirrizulta li:

15.4.6.i. Zamm diversi seduti;

15.4.6.ii. Sema' x-xhieda prodotti;

15.4.6.iii. Ezamina d-dokumenti pprezentati;

15.4.7. Illi wara l-analizi tieghu, ipprezenta r-relazzjoni tieghu datata d-9 ta' Gunju, 2016, (ara foll 244), u kien sottomess ghall-eskussjoni mitluba mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

15.4.8. Illi wara dan l-analizi l-istess perit komputista wasal ghas-segwenti konkluzjoni, (ara foll 332):

> "In vista tal-premess nasal al-(*recte*) ghall-konkluzjoni illi s-socjeta` intimata ghandha taghti lir-rikorrenti Curmi l-ammont ta' €17,526.51";

15.4.9. Illi wara li din il-qorti ezaminat bir-reqqa r-relazzjoni tal-perit komputista fuq riferit, flimkien mar-risposti tal-istess ghad-domandi in eskussjoni li sarulu, hi l-fehma taghha li ma tiddisturbax il-konkluzjoni li wasal ghaliha l-istess perit tekniku minnha nominat;

15.4.10. Illi ghaldaqstant qed tiddikjara li qed taghmel taghha l-konkluzjoni tal-istess perit u dan, *stante* li ma gew imressqa l-ebda ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju l-konkluzjonijiet li ghalihom wasal l-istess espert;

Ikkunsidrat:

16. Ili *di piu`* tissottolinea li skont ir-regola probatorja *reus in excipiendo fit actor*, gialadarba s-socjeta` intimata eccepiet il-pagament, (ara foll 13 paragrafu numru 2), l-oneru tal-prova tal-pagament *de quo* tinkombi fuq is-socjeta` intimata stess – haga li din is-socjeta` naqset li taghmel;

17. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Magistrati (Malta)**, fl-ismijiet **Joseph Camilleri Bowman *nomine* vs. Dario Azzopardi**, datata s-**6 ta' Mejju, 2010**, li tghid is-segwenti:

> "Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbi probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara **Vol. XLVI/i/5**";

18. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li s-socjeta` irnexxielha tipprova biss seba' (7) pagamenti, komplessivament ammontanti ghal erbat elef tliet mija u tmienja u sebghin euro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€4,378.25), (ara foll 332);

19. Illi fid-dawl tas-suespost it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi fir-rigward tat-tielet (3) eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata jkompli jinghad is-segwenti:

20.1. Illi l-fatt li r-rikorrenti ma harigx fatturi lis-socjeta` intimata ma jfissirx li hu ma ipprovax it-talba tieghu minnhu sottomessa fir-rikors promotur;

20.2. Illi r-rikorrenti irnexxielu jipprova t-talba tieghu permezz tas-segwenti:

20.2.1. Prospett tal-Kontrollur Finanzjarju tieghu, (ara foll 3);

20.2.2. Prospett bl-elenku tax-xoghol minnu ezegwit lis-socjeta` intimata, (ara foll 262);

20.2.3. Dikjarazzjoni guramentata tal-"*Quantity Surveyor*" tas-socjeta` intimata li jikkonferma li x-xogholijiet in dizamina kienu saru mir-rikorrenti, (ara foll 311);

20.2.4. Illi *di piu`*, is-socjeta` intimata ma tikkontestax il-fatt li x-xogholijiet reklamati mir-rikorrenti effettivament saru;

20.2.5. Illi l-istess xogholijiet in dizamina ezegwiti mir-rikorrenti kienu effettivament saru fuq ordni tas-socjeta` intimata, (ara fol 320 u 324);

Ikkunsidrat:

21.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *in parte* ipprova t-talbiet minnu inoltrati, u konsegwentement:

**DECIDE:**

21.1. Takkolji parzjalment it-talbiet tar-rikorrenti;

21.2. Tirrespingi l-ewwel (1), it-tieni (2), u ir-raba' (4) eccezzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti;

21.3. Takkolji parzjalment it-tielet (3) eccezzjoni tas-socjeta` intimata;

21.4. Tiddikjara ghalhekk li s-socjeta` intimata hi debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' sbatax -il elf hames mija u sitta u ghoxrin euro u wiehed u hamsin centezmu, (€17,526.51);

21.5. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti s-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

21.6. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors promotur kontra s-socjeta` intimata.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**